Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/311

17.2.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/311

tal-14 ta' Frar 2025

dwar miżuri għall-eradikazzjoni u l-prevenzjoni tal-istabbiliment u t-tixrid fit-territorju tal-Unjoni tad-dubbien tal-frott tal-ispeċijiet *Bactrocera dorsalis* (Hendel), *Bactrocera latifrons* (Hendel) u *Bactrocera zonata* (Saunders)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1), il-punti (d), (e), (f), (g) u (i), tiegħu,

Billi:

(1) Id-dubbien tal-frott tal-ispeċijiet *Bactrocera dorsalis* (Hendel), *Bactrocera latifrons* (Hendel) u *Bactrocera zonata* (Saunders) ("il-pesti speċifikati") huwa elenkat fil-Parti A tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 ([2]) bħala pesti tal-kwarantina fl-Unjoni.

(2) Il-*Bactrocera dorsalis* (Hendel) u l-*Bactrocera zonata* (Saunders) huma elenkati wkoll bħala pesti ta' prijorità fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1702 ([3]).

(3) Il-pesti speċifikati spiss jinstabu f'kunsinni mibgħuta lejn l-Unjoni minn pajjiżi terzi. Mill-2019 'il quddiem, il-pesti speċifikati nstabu preżenti fil-Belġju, fil-Greċja, fi Franza, fl-Italja, f'Ċipru u fl-Awstrija. L-Istati Membri kkonċernati ħadu miżuri (bħall-qbid intensiv, it-tneħħija ta' frott infestat u ta' frott li jkun waqa' bir-riħ, il-projbizzjoni li jiġi mċaqlaq il-frott infestat) u l-pesti speċifikati għalissa ġew eradikati jew qed jiġu eradikati f'dawk l-Istati Membri.

(4) Sabiex jiġi żgurat approċċ uniformi u effiċjenti li jipprevjeni l-istabbiliment u t-tixrid tal-pesti speċifikati fit-territorju tal-Unjoni, huwa xieraq li jiġu adottati miżuri armonizzati li jikkonċernaw l-istħarriġiet għall-pesti speċifikati, il-pjanijiet ta' kontinġenza, id-demarkazzjoni taż-żoni, l-eradikazzjoni u l-prevenzjoni tal-istabbiliment u t-tixrid tal-pesti speċifikati barra miż-żoni demarkati.

(5) Jeħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' pjanti ospitanti għall-pesti speċifikati li jiġu kkultivati fit-territorju tal-Unjoni ("pjanti ospitanti"), għall-istħarriġ u l-eradikazzjoni tal-pesti speċifikati u għall-prevenzjoni tal-istabbiliment u t-tixrid tagħhom. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li jittieħdu miżuri xierqa dwar il-frott ta' dawk il-pjanti ("il-frott speċifikat").

(6) Il-pesti speċifikati jistgħu jidħlu fit-territorju tal-Unjoni permezz ta' kunsinni kummerċjali jew bagalji tal-passiġġieri u huma kapaċi jinfirxu b'mod attiv. Għalhekk, ir-regoli marbuta mal-istħarriġiet jikkonċernaw ukoll it-tekniki ta' detezzjoni tal-infestazzjoni tal-frott speċifikat waqt li jkun fuq il-pjanti ospitanti, l-istħarriġiet fiż-żoni fejn jiġi importat u kkummerċjalizzat il-frott speċifikat, il-qbid tal-pesti speċifikati u l-kampjunar ta' frott possibbilment infestat, sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jadattaw dawk l-istħarriġiet għall-bijoloġija ta' dawk il-pesti.

([1]) ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/oj.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/2072/oj).
([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1702 tal-1 ta' Awwissu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-lista ta' pesti ta' prijorità (ĠU L 260, 11.10.2019, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/1702/oj).

(7) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jitħallew ma jistabbilixxux żona demarkata f'ċerti każijiet, meta, minħabba l-bijoloġija partikolari tal-pest speċifikat jew minħabba l-karatteristiċi tas-sit, jiġi konkluż li l-pest jista' jiġi eliminat minnufih. Dan huwa l-każ fejn ikun hemm evidenza li l-pesti speċifikati jkunu ġew introdotti fiż-żona bil-frott li fuqu jkunu nstabu, dak il-frott ikun ġie infestat qabel l-introduzzjoni tiegħu fiż-żona kkonċernata u l-pest speċifikat ma jkunx jista' jistabbilixxi ruħu f'dik iż-żona, fejn il-pest speċifikat jiġi kkonfermat uffiċjalment f'sit tal-produzzjoni b'iżolament fiżiku jew f'sit b'kultivazzjoni protetta u fejn ma jkunx jista' jistabbilixxi ruħu barra dak is-sit. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jqisu sitwazzjonijiet fejn il-pest speċifikat ma jkunx mistenni li jibqa' ħaj minħabba kundizzjonijiet xitwin sfavorevoli.

(8) Il-protokolli tal-qbid użati fl-istħarriġiet f'żoni demarkati jenħtieġ li jiġu adattati speċifikament għall-bijoloġija tal-pesti speċifikati. Dan huwa meħtieġ biex jiġi żgurat monitoraġġ xieraq tal-preżenza tal-pest speċifikat u tal-proċess ta' eradikazzjoni.

(9) Il-miżuri ta' eradikazzjoni jenħtieġ li jqisu l-bijoloġija tal-pesti speċifikati bħala dubbien tal-frott u, għalhekk, jinkludu metodi bħal trattamenti tal-qerda tal-pesti rġiel, tekniki tal-applikazzjoni tal-lixka, ġbir u rimi sikur tal-frott li jkun waqa' bir-riħ u ta' frott speċifikat maħsud (bikri), trattament tal-ħamrija (pereżempju mekkaniku, kimiku jew mikrobijoloġiku) fiż-żoni tal-produzzjoni tal-pjanti speċifikati u madwarhom għall-qerda tal-istadji marbuta mal-ħamrija tal-pest speċifikat, jew l-użu ta' teknika bl-insetti sterili.

(10) Jenħtieġ li jiġu adottati miżuri biex jiġi evitat it-tixrid tal-pesti speċifikati barra miż-żoni demarkati. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jikkonċernaw il-movimenti tal-pjanti ospitanti għat-tħawwil, il-frott speċifikat, u l-ħamrija miż-żona infestata għall-bqija tat-territorju tal-Unjoni. Meta wieħed iqis li tali pjanti ospitanti u tali ħamrija huma l-aktar mod kif x'aktarx jinxterdu l-pesti speċifikati, jenħtieġ li jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li dawn ikunu ħielsa mill-pesti speċifikati, fi kwalunkwe wieħed mill-istadji tagħhom.

(11) Jenħtieġ li jingħata biżżejjed żmien biex l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi professjonisti jadattaw għal dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Marzu 2025.

(12) Barra minn hekk, jenħtieġ li jingħata żmien addizzjonali lill-awtoritajiet kompetenti biex iħejju t-tfassil ta' kull stħarriġ u jallokaw biżżejjed riżorsi għat-twettiq tiegħu f'konformità mal-metodoloġija tal-kampjunar statistiku. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjoni rispettiva tapplika mill-1 ta' Jannar 2026.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri għall-eradikazzjoni, u għall-prevenzjoni tal-istabbiliment u tat-tixrid fit-territorju tal-Unjoni tal-*Bactrocera dorsalis* (Hendel), il-*Bactrocera latifrons* (Hendel) u l-*Bactrocera zonata* (Saunders).

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "pesti speċifikati" tfisser dubbien tal-frott tal-ispeċijiet *Bactrocera dorsalis* (Hendel), *Bactrocera latifrons* (Hendel) jew *Bactrocera zonata* (Saunders);

(2) "pjanti ospitanti" tfisser pjanti li jagħmlu parti mill-ispeċijiet elenkati fl-Anness I;

(3) "frott speċifikat" tfisser il-frott tal-pjanti ospitanti.

Artikolu 3

Stħarriġiet fit-territorju tal-Unjoni għall-pesti speċifikati

1. It-tfassil u l-iskema tal-kampjunar tal-istħarriġiet ibbażati fuq ir-riskju għall-pesti speċifikati għandhom jippermettu d-detezzjoni b'livell suffiċjenti ta' kunfidenza ta' livell baxx ta' preżenza tal-pest speċifikat fuq il-frott speċifikat.

L-istħarriġiet għandhom ikunu bbażati fuq il-linji gwida ġenerali tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") għal stħarriġiet statistikament sodi u bbażati fuq ir-riskju għall-pesti tal-pjanti u fuq l-informazzjoni xjentifika u teknika dwar il-pest speċifikat imsemmija fil-Kards tal-Istħarriġ dwar il-Pesti tal-Awtorità ([4]) ("kard tal-istħarriġ dwar il-pesti").

2. L-istħarriġiet għandhom jitwettqu b'mod partikolari:

(a) fil-partijiet fruttiferi tal-pjanti ospitanti, bl-użu ta' tekniki li kapaċi jidentifikaw il-preżenza tal-pest speċifikat;

(b) fl-ajruporti u fil-portijiet u madwarhom, fil-faċilitajiet tal-irkanti u tal-bejjiegħa bl-imnut u madwarhom fejn jiġi kkummerċjalizzat il-frott speċifikat, f'żoni fejn jiġi ppakkjat, ipproċessat jew skarikat il-frott speċifikat, f'żoni fejn jiġi prodott il-frott speċifikat, u f'siti rilevanti oħra, kif xieraq;

(c) permezz tal-qbid bin-nases xierqa, kif speċifikat fl-Istandard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji (ISPM) 26 ([5]); kif ukoll

(d) fil-każ ta' kwalunkwe suspett ta' preżenza tal-pest speċifikat fuq il-frott speċifikat, permezz tal-ġbir ta' kampjuni tal-frott speċifikat u l-identifikazzjoni tal-pest.

Artikolu 4

Pjanijiet ta' kontinġenza għall-pesti ta' prijorità

L-Istati Membri, meta jfasslu l-pjanijiet ta' kontinġenza tagħhom għall-*Bactrocera dorsalis* u l-*Bactrocera zonata*, għandhom jinkludu f'dawk il-pjanijiet proċeduri biex:

(a) jiġu identifikati s-sidien ta' proprjetajiet privati, fiż-żoni fejn għandhom jiġu applikati l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament; u

(b) jiġi żgurat l-aċċess tal-awtoritajiet kompetenti għall-proprjetajiet imsemmija fil-punt (a).

L-Istati Membri għandhom jagħmlu rieżami annwali u, fejn meħtieġ, jaġġornaw il-pjanijiet ta' kontinġenza tagħhom.

Artikolu 5

Stabbiliment ta' żoni demarkati

1. Meta l-preżenza tal-pest speċifikat tkun ġiet ikkonfermata uffiċjalment, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, mingħajr dewmien, jistabbilixxu żona demarkata.

2. Iż-żona demarkata għandha tikkonsisti miż-żoni li ġejjin:

(a) żona infestata, li hija ż-żona fejn tkun ġiet ikkonfermata l-preżenza ta' pest speċifikat, u li jkollha raġġ ta' mill-inqas 500 m madwar il-post(ijiet) tas-sejbiet tal-pest speċifikat; kif ukoll

(b) żona ta' lqugħ b'raġġ ta' mill-inqas 7 km lil hinn mill-konfini taż-żona infestata.

([4]) EFSA (l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel). Story map for surveillance of non-EU Tephritidae in the EU. https://efsa.europa.eu/plants/planthealth/monitoring/surveillance/tephritidae-pestsurveycards.

([5]) Standard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji (ISPM) 26: Establishment of pest-free areas for fruit flies (Tephritidae). https://www.ippc.int/core-activities/standards-setting/ispms.

3. Id-delimitazzjoni eżatta taż-żona demarkata għandha tqis il-bijoloġija tal-pesti speċifikati, il-livell ta' infestazzjoni, il-karatteristiċi tal-attirant, u d-distribuzzjoni partikolari tal-pjanti ospitanti fiż-żona kkonċernata.

4. F'każ ta' sejba tal-pest speċifikat barra miż-żona infestata, iż-żona demarkata stabbilita f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tiġi aġġustata kif xieraq.

5. Fiż-żoni demarkati, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-pubbliku ġenerali u l-operaturi professjonisti jkunu konxji mid-delimitazzjoni taż-żoni demarkati u kwalunkwe restrizzjoni possibbli li tikkonċerna l-moviment tal-frott speċifikat.

Artikolu 6

Derogi mill-istabbiliment ta' żoni demarkati

1. B'deroga mill-Artikolu 5, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħżlu li ma jistabbilixxux żona demarkata, jekk jiġi ssodisfat mill-inqas wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(a) jiġi konkluż mill-awtoritajiet kompetenti li l-pest speċifikat ma jistax jistabbilixxi ruħu fiż-żona fejn ikun ġie osservat;

(b) ikun hemm evidenza li l-pest speċifikat ikun ġie introdott fiż-żona mal-kunsinna fejn ikun instab, il-frott speċifikat f'dik il-kunsinna jkun ġie infestat qabel l-introduzzjoni tiegħu fiż-żona kkonċernata, u ma tkun saret l-ebda multiplikazzjoni tal-pest speċifikat wara dik l-introduzzjoni;

(c) il-preżenza tal-pest speċifikat tkun ġiet ikkonfermata uffiċjalment f'sit tal-produzzjoni b'iżolament fiżiku mill-madwar tiegħu, u dan jipprevjeni lill-pest speċifikat milli jinfirex barra minn dak is-sit;

(d) il-preżenza tal-pest speċifikat tkun ġiet ikkonfermata uffiċjalment f'sit tal-produzzjoni li jkun protett b'tali mod li jippermetti li tiġi evitata l-preżenza ulterjuri tal-pesti speċifikati fuq il-pjanti ospitanti u l-frott speċifikat, u jkun ġie konkluż mill-awtoritajiet kompetenti li l-pesti speċifikati ma jistgħux jistabbilixxu ruħhom barra minn dak is-sit tal-produzzjoni minħabba kundizzjonijiet xitwin sfavorevoli.

2. Meta l-awtorità kompetenti tapplika deroga prevista fil-paragrafu 1, hija għandha:

(a) tieħu miżuri biex tiżgura l-eradikazzjoni minnufih tal-pest speċifikat u teskludi l-possibbiltà tat-tixrid tiegħu;

(b) twettaq stħarriġ intensiv f'żona b'raġġ ta' mill-inqas 500 m madwar il-post(ijiet) tas-sejba tal-pest speċifikat; kif ukoll

(c) fejn xieraq, u b'mod partikolari fil-każ tal-paragrafu 1, il-punti (c) u (d), tapplika miżuri effiċjenti li jipprevjenu t-tixrid tal-pest speċifikat permezz ta' frott speċifikat jew pjanti ospitanti barra mis-sit tal-produzzjoni.

Fil-każ tal-paragrafu 1, il-punt (b), jekk l-awtoritajiet kompetenti jikkonkludu li l-pest speċifikat ma jkunx kapaċi jibqa' ħaj fil-kundizzjonijiet tax-xitwa, il-perjodu għall-istħarriġ jista' jkun limitat għall-perjodu qabel il-bidu tal-kundizzjonijiet tax-xitwa.

Artikolu 7

Stħarriġiet fiż-żoni demarkati

1. Fiż-żoni demarkati, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu stħarriġiet annwali, kif imsemmi fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031, filwaqt li jqisu l-informazzjoni msemmija fil-kard tal-istħarriġ dwar il-pesti.

2. L-għadd ta' nases użati għal kull km^2 f'tali stħarriġ għandu jiżdied gradwalment mix-xifer saċ-ċentru taż-żona mistħarrġa. Meta jiddeterminaw l-għadd ta' nases, it-tip ta' nases, id-disinn tan-nases u l-attiranti possibbli li għandhom jintużaw man-nases, l-Istati Membri għandhom iqisu d-dettalji stabbiliti fil-gwida internazzjonali, u b'mod partikolari l-ISPM 26, kif ukoll il-kard tal-istħarriġ dwar il-pesti.

3. Għandu jiġi kkunsidrat il-kampjunar tal-frott speċifikat li jikber fiż-żona mistħarrġa. Meta jiddeterminaw il-protokolli tal-kampjunar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-kard tal-istħarriġ dwar il-pesti kif ukoll il-prinċipji stabbiliti fil-protokolli rikonoxxuti internazzjonalment għall-kontroll uffiċjali tal-pest speċifikat. Għandhom jintużaw skemi tat-tfassil u tal-kampjunar tal-istħarriġ li permezz tagħhom jista' jiġi identifikat b'livell ta' kunfidenza ta' mill-inqas 95 %, livell ta' preżenza tal-pest speċifikat ta' 1 %.

4. Ir-riżultati tal-istħarriġiet imwettqa fiż-żoni demarkati għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni bl-użu tal-mudelli msemmija fl-Anness II.

Artikolu 8

Tneħħija taż-żoni demarkati

Iż-żona demarkata msemmija fl-Artikolu 5 tista' titneħħa, jekk tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-pest speċifikat, abbażi tal-istħarriġiet imsemmija fl-Artikolu 7, ma jiġix identifikat fiż-żona demarkata għal perjodu ta' mill-inqas 120 jum; jew

(b) l-awtoritajiet kompetenti jikkonkludu li l-pest speċifikat ikun għadda minn perjodu ta' temperaturi kesħin biżżejjed.

Artikolu 9

Miżuri ta' eradikazzjoni

L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw, kif xieraq, waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin bl-għan li jiġu eradikati l-pesti speċifikati fiż-żona infestata:

(a) l-użu ta' trattamenti għall-qerda tal-pesti rġiel u/jew tekniki ta' applikazzjoni tal-lixka, bl-użu ta' attiranti xierqa;

(b) il-ġbir u r-rimi sikur ta' frott li jkun waqa' bir-riħ u ta' frott speċifikat maħsud fi stadju bikri tal-maturazzjoni u tat-trattament tal-ħamrija, inkluż wieħed mekkaniku, kimiku jew mikrobijoloġiku, fiż-żoni tal-produzzjoni tal-pjanti speċifikati u madwarhom, sabiex jinqerdu l-istadji marbutin mal-ħamrija tal-pest speċifikat;

(c) l-użu ta' teknika bl-insetti sterili;

(d) l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]);

(e) fejn disponibbli, il-qbid tal-massa tal-pesti speċifikati b'għadd suffiċjenti ta' nases, inklużi n-nases użati f'konformità mal-Artikolu 7(2).

Artikolu 10

Miżuri li jipprevjenu t-tixrid tal-pest speċifikat

1. Il-frott speċifikat imkabbar jew maħżun fiż-żona infestata jista' jiġi mċaqlaq biss minn dik iż-żona lejn iż-żona ta' lqugħ, jew 'il barra miż-żona demarkata, jekk jiġi trattat b'mod effettiv kontra l-pest speċifikat.It-trattamenti msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jinkludu l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti xierqa u effiċjenti biżżejjed kif awtorizzat skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, jew l-użu ta' metodi alternattivi f'konformità mal-istandards fitosanitarji rikonoxxuti internazzjonalment, u b'mod partikolari l-ISPM 28 ([7]), bħat-trattament bis-sħana, it-trattament bil-kesħa jew l-irradjazzjoni.

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj).

([7]) Standard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji (ISPM) 28: Phytosanitary treatments for regulated pests. https://www.ippc.int/core-activities/standards-setting/ispms.

Il-frott speċifikat jista' wkoll jiġi mċaqlaq miż-żona infestata għal ġoż-żona ta' lqugħ jew 'il barra miż-żona demarkata:

(a) għall-fini ta' trattament xieraq, jekk jittieħdu miżuri effettivi għall-prevenzjoni tat-tixrid tal-pest speċifikat matul it-trasport tiegħu u meta jgħaddi mill-faċilità tat-trattament;

(b) jekk joriġina minn barra ż-żona demarkata, ikun qed jgħaddi biss miż-żona infestata, u jittieħdu miżuri effettivi għall-prevenzjoni tal-infestazzjoni tiegħu mill-pest speċifikat; jew

(c) jekk il-frott speċifikat ikun inħasad fi staġun tas-sena, kif definit mill-awtoritajiet kompetenti, fejn ma jkun mistenni li jseħħ l-ebda stadju ħaj tal-pest speċifikat f'dak il-frott, minħabba l-bijoloġija riproduttiva tal-pest speċifikat.

2. Il-pjanti ospitanti maħsuba għat-tħawwil u li jiġu mċaqilqa miż-żona infestata għal ġoż-żona ta' lqugħ, jew 'il barra miż-żona demarkata, għandhom ikunu ħielsa mill-frott u, fejn il-ħamrija jew materjal ieħor għat-tkabbir ikun imwaħħal magħhom, dik il-ħamrija għandha tkun ħielsa mill-pesti speċifikati.

Madankollu, il-pjanti ospitanti bil-frott jistgħu jiġu mċaqilqa barra miż-żona infestata jew minn ġo fiha, jekk dawk il-pjanti joriġinaw minn barra ż-żona demarkata, u jittieħdu miżuri effettivi għall-prevenzjoni tal-infestazzjoni tal-pjanti mill-pesti speċifikati.

3. L-10 cm ta' fuq tal-ħamrija tal-wiċċ, mis-siti tal-produzzjoni, fejn ikun tkabbar il-frott speċifikat, tista' tiġi mċaqilqa biss miż-żona infestata għaż-żona ta' lqugħ, jew 'il barra miż-żona demarkata, jekk:

(a) kienet soġġetta għal miżuri xierqa biex jiġi eliminat il-pest speċifikat; jew

(b) tkun indifnet f'landfill, mgħottija b'mill-inqas 50 cm ta' materjal, taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti.

Kwalunkwe trasport ta' dik il-ħamrija lejn il-post tat-trattament jew tad-dfin għandu jsir f'kundizzjonijiet li jipprevjenu b'mod effettiv it-tixrid tal-pest speċifikat.

4. L-iskart mill-frott speċifikat għandu jintrema b'mod sikur, b'mod li jipprevjeni l-iżvilupp u t-tixrid tal-pest speċifikat.

Artikolu 11

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Marzu 2025.

Madankollu, l-Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu, għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

LISTA TA' OSPITANTI GĦAL KULL SPEĊI TAL-PEST SPEĊIFIKAT

Bactrocera dorsalis:

Abelmoschus spp.
Annona cherimola
Annona montana
Annona muricata
Annona reticulata
Annona senegalensis
Annona squamosa
Averrhoa carambola
Capparis spp.
Capsicum annuum
Capsicum frutescens
Carica papaya
Citrofortunella floridana
Citrofortunella macrocarpa
Citrullus colocynthis
Citrullus lanatus
Citrus amblycarpa
Citrus aurantifolia
Citrus aurantium
Citrus depressa
Citrus jambhiri
Citrus latifolia
Citrus limon
Citrus maxima
Citrus meyerii
Citrus natsudaidai
Citrus nobilis
Citrus paradisi
Citrus reticulata
Citrus sinensis
Citrus swinglei
Citrus unshiu
Coccinia grandis
Cucumis ficifolius
Cucumis melo
Cucumis prophetarum
Cucumis sativus
Cucurbita spp.
Cydonia oblonga
Diospyros dasyphylla
Diospyros decandra
Diospyros ebenaster
Diospyros lotus
Diospyros mespiliformis
Diospyros montana
Eriobotrya spp.
Ficus spp.
Fortunella spp
Fragaria chiloensis
Fragaria vesca
Juglans nigra
Juglans regia
Lagenaria siceraria
Malus domestica
Malus sylvestris
Mangifera indica
Momordica balsamina
Momordica charantia
Momordica cochinchinensis
Morus alba
Morus nigra
Passiflora edulis

Persea americana

Physalis minima

Physalis peruviana

Prunus armeniaca

Prunus avium

Prunus bokhariensis

Prunus cerasoides

Prunus domestica

Prunus persica

Psidium cattleianum

Psidium guajava

Punica granatum

Pyrus communis

Pyrus pashia

Pyrus pyrifoli

Sambucus spp.

Solanum aculeatissimum

Solanum aethiopicum

Solanum americanum

Solanum anguivi

Solanum betaceum

Solanum capsicoides

Solanum donianum

Solanum erianthum

Solanum granuloso-leprosum

Solanum incanum

Solanum lasiocarpum

Solanum linnaeanum

Solanum lycopersicum

Solanum mauritianum

Solanum melongena

Solanum nigrum

Solanum pimpinellifolium

Solanum pseudocapsicum

Solanum seaforthianum

Solanum sessiliflorum

Solanum sodomeum

Solanum stramoniifolium

Solanum torvum

Solanum trilobatum

Vaccinium reticulatum

Vitis vinifera (inklużi l-ibridi)

Ziziphus mauritiana

Ziziphus mucronata

Bactrocera latifrons:

Capsicum annuum

Capsicum baccatum

Capsicum chinense

Capsicum frutescens

Citrullus lanatus

Citrus aurantifolia

Cucumis dipsaceus

Cucumis melo

Cucumis sativus

Cucurbita spp.

Lagenaria siceraria

Momordica charantia

Momordica trifoliolata

Passiflora foetida

Persea americana

Physalis alkekengi

Physalis angulate

Physalis peruviana

Psidium guajava

Punica granatum

Solanum aculeatissimum

Solanum aethiopicum

Solanum americanum

Solanum anguivi

Solanum capsicoides

Solanum donianum

Solanum erianthum

Solanum granuloso-leprosum

Solanum incanum

Solanum indicum

Solanum lanceifolium

Solanum lasiocarpum

Solanum linnaeanum

Solanum lycopersicum

Solanum macrocarpon

Solanum mammosum

Solanum melongena

Solanum muricatum

Solanum nigrescens

Solanum nigrum

Solanum pimpinellifolium

Solanum pseudocapsicum

Solanum scabrum

Solanum seaforthianum

Solanum sisymbriifolium

Solanum stramoniifolium

Solanum torvum

Solanum trilobatum

Solanum viarum

Solanum violaceum

Solanum virginianum

Ziziphus jujuba

Ziziphus mauritiana

Ziziphus nummularia

Bactrocera zonata:

Annona reticulata

Annona squamosa

Citrullus lanatus

Citrus aurantium

Citrus limon

Citrus paradisi

Citrus reticulata

Citrus sinensis

Cucumis sativus

Cucurbita spp.

Cydonia oblonga

Diospyros kaki

Eriobotrya japonica

Ficus spp.

Lagenaria siceraria

Malus domestica

Malus sylvestris

Mangifera indica

Momordica charantia

Persea americana

Prunus armeniaca

Prunus domestica

Prunus persica

Psidium cattleianum

Psidium guajava

Punica granatum

Pyrus communis

Pyrus pyrifolia

Pyrus ussuriensis

Ziziphus mauritiana

ANNESS II

MUDELLI GĦAR-RAPPURTAR TAR-RIŻULTATI TAL-ISTĦARRIĠIET IMWETTQA SKONT L-ARTIKOLU 7

PARTI A

MUDELL GĦAR-RAPPORTAR TAR-RIŻULTATI TAL-ISTĦARRIĠIET ANNWALI

1. Deskrizzjoni taż-Żona Demarkata (ŻD)		2. Daqs inizjali taż-ŻD (ettari)	3. Daqs aġġornat taż-ŻD (ettari)	4. Approċċ (eradikazzjoni)	5. Żona	6. Siti ta' stħarriġ		7. Żoni ta' riskju identifikati	8. Żoni ta' riskju spezzjonati	9. Materjal tal-pjanti / Komodità	10. Lista ta' speċijiet tal-pjanti ospitanti	11. Skedar	12. Dettalji tal-istħarriġ									13. Numru ta' kampjuni sintomatiċi analizzati: i: Totali ii: Pożittivi iii: Negattivi iv: Mhux determinati				14. Numru ta' kampjuni asintomatiċi analizzati: i: Totali ii: Pożittivi iii: Negattivi iv: Mhux determinati				15. Numru tan-notifika tat-tifqigħat innotifikati, kif ikun applikabbli, f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 [1]		16. Kummenti
													A) Numru ta' eżamijiet viżwali	B) Numru totali ta' kampjuni meħuda	C) Tip ta' nases (jew metodu alternattiv ieħor (eż. sweep nets))	D) Numru ta' nases (jew metodu ta' qbid ieħor)	E) Numru ta' siti ta' qbid, meta jkun differenti mid-data rrapportata f'(D)	F) Tip ta' testijiet (eż. identifikazzjoni mikroskopika, PCR, ELISA, eċċ.)	G) Numru totali ta' testijiet	H) Miżuri oħra (eż. klieb tat-tfittxija, droni, ħelikopters, kampanji ta' sensibilizzazzjoni eċċ.)	I) Numru ta' miżuri oħra																	
Isem	Data tal-istabbiliment					Deskrizzjoni	Numru						A	B	C	D	E	F	G	H	I	i	ii	iii	iv	i	ii	iii	iv	Numru	Data	

[1] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għat-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha (ir-Regolament IMSOC) (ĠU L 261, 14.10.2019, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/1715/oj).

Struzzjonijiet dwar kif jimtela l-mudell

Jekk jimtela dan il-mudell, ma għandux għalfejn jimtela l-mudell fil-Parti B ta' dan l-Anness.

Għall-kolonna 1: Indika l-isem taż-żona ġeografika, in-numru tat-tifqigħa jew kwalunkwe informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni ta' din iż-żona demarkata (ŻD) u d-data meta ġiet stabbilita.

Għall-kolonna 2: Indika d-daqs taż-ŻD qabel il-bidu tal-istħarriġ.

Għall-kolonna 3: Indika d-daqs taż-ŻD wara l-istħarriġ.

Għall-kolonna 4: Indika l-approċċ: Eradikazzjoni. Jekk jogħġbok inkludi r-ringieli kollha li hemm bżonn, skont in-numru ta' ŻD għal kull pest.

Għall-kolonna 5: Indika ż-żona taż-ŻD fejn twettaq l-istħarriġ, u inkludi r-ringieli kollha li hemm bżonn: Żona infestata (ŻI) jew żona ta' lqugħ (ŻL) billi tuża ringieli separati. Meta jkun il-każ, indika ż-żona taż-ŻI fejn sar l-istħarriġ (eż. ħdejn iż-ŻL, madwar mixtla, eċċ.) f'ringieli differenti.

Għall-kolonna 6: Indika n-numru u d-deskrizzjoni tas-siti tal-istħarriġ, billi tagħżel waħda mill-entrati li ġejjin għad-deskrizzjoni:

1. Fil-beraħ (żona ta' produzzjoni): 1.1. għalqa (ikkultivata, mergħa); 1.2. ġnien bis-siġar tal-frott/vinja; 1.3. mixtla; 1.4. foresta;
2. Fil-beraħ (oħrajn): 2.1. ġnien privat; 2.2. siti pubbliċi; 2.3. żona ta' konservazzjoni; 2.4. pjanti selvaġġi f'żoni għajr żoni ta' konservazzjoni; 2.5. oħrajn, bi speċifikazzjoni tal-każ partikolari (eż. ħanut tal-pjanti, siti kummerċjali li jużaw materjal tal-imballaġġ magħmul mill-injam, industrija tal-injam, artijiet mistagħdra, network tat-tisqija u tad-drenaġġ, eċċ.);
3. Kundizzjonijiet magħluqa fiżikament: 3.1. serra; 3.2. sit privat, għajr serra; 3.3. sit pubbliku, għajr serra; 3.4. oħrajn, bi speċifikazzjoni tal-każ partikolari (eż. ħanut tal-pjanti, siti kummerċjali li jużaw materjal tal-imballaġġ magħmul mill-injam, industrija tal-injam).

Għall-kolonna 7: Indika liema huma ż-żoni ta' riskju identifikati abbażi tal-bijoloġija tal-pest(i), il-preżenza tal-pjanti ospitanti, il-kundizzjonijiet ekoklimatiċi u l-postijiet ta' riskju.

Għall-kolonna 8: Indika ż-żoni ta' riskju inklużi fl-istħarriġ, minn dawk identifikati fil-kolonna 7.

Għall-kolonna 9: Indika l-pjanti, il-frott, iż-żrieragħ, il-ħamrija, il-materjal tal-imballaġġ, l-injam, il-makkinarju, il-vetturi, l-ilma, oħrajn, filwaqt li tispeċifika l-każ speċifiku.

Għall-kolonna 10: Indika l-lista ta' speċijiet/ġeneri tal-pjanti mistħarrġa bl-użu ta' ringiela waħda għal kull speċi/ġeneru ta' pjanta.

Għall-kolonna 11: Indika x-xhur tas-sena meta twettaq l-istħarriġ.

Għall-kolonna 12: Indika d-dettalji tal-istħarriġ, skont ir-rekwiżiti legali speċifiċi ta' kull pest. Indika b'M/A meta l-informazzjoni ta' kolonna partikolari ma tkunx applikabbli.

Għall-kolonni 13 u 14: Indika r-riżultati, jekk applikabbli, billi tipprovdi l-informazzjoni disponibbli fil-kolonni korrispondenti. "Mhux determinati" huma dawk il-kampjuni analizzati li għalihom ma nkiseb l-ebda riżultat minħabba fatturi differenti (eż. taħt il-livell ta' detezzjoni, kampjun mhux ipproċessat-mhux identifikat, antik).

Għall-kolonna 15: Indika n-notifiki tat-tifqigħat tas-sena meta sar l-istħarriġ għas-sejbiet fiż-ŻL. In-numru tan-notifika tat-tifqigħat ma hemmx għalfejn jiġi inkluż meta l-awtorità kompetenti tkun iddeċidiet li s-sejba hija waħda mill-każijiet imsemmija fl-Artikolu 14(2), fl-Artikolu 15(2) jew fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2016/2031. F'dan il-każ, indika r-raġuni għaliex ma pprovdejtx din l-informazzjoni fil-kolonna 16 ("Kummenti").

PARTI B

Mudell għar-rapportar tar-riżultati tal-istħarriġiet annwali, bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq l-istatistika

1. Deskrizzjoni taż-Żona Demarkata (ŻD)		2. Data inizjali taż-ŻD (ettari)	3. Data aġġornat taż-ŻD (ettari)	4. Approċċ	5. Żona	6. Siti ta' sħarriġ		7. Skeda	A. Definizzjoni tal-istħarriġ (parametri ta' input għal RiBESS+)												B. Sforz tal-kampjunar							C. Riżultati tal-istħarriġ							
									8. Popolazzjoni fil-mira			9. Unitajiet epidemjoloġiċi		10. Metodi ta' detezzjoni				11. Effettività tal-kampjunar	12. Sensitività tal-metodu	13. Fatturi ta' riskju (attivitajiet, postijiet u żoni)					14. Numru ta' unitajiet epidemjoloġiċi spezzjonati	15. Numru ta' eżamijiet viżwali	16. Numru ta' kampjuni	17. Numru ta' nases	18. Numru ta' siti tal-qbid	19. Numru ta' testijiet	20. Numru ta' miżuri oħra	21. Riżultati			22. Numru tan-notifika tat-tifqigħat innotifikati, kif ikun applikabbli, f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1715		23. Livell ta' kunfidenza miksub	24. Prevalenza prevista	25. Kummenti
Ikem	Data tal-istabbiliment					Deskrizzjoni	Numru		Speċijiet ospitanti	Żona (eżatt jew unità oħra ikun rilevanti)	Unitajiet tal-ispezzjoni	Deskrizzjoni	Unitajiet	Eżamijiet viżwali	Qbid	Intestjar	Metodi oħra			Fattur ta' riskju	Livelli ta' riskju	Numru ta' postijiet	Riskji relattivi	Proporzjoni tal-popolazzjoni ospitanti							Pożittivi	Negattivi	Mhux determinati	Numru	Data			

Struzzjonijiet dwar kif timla l-mudell

Spjega s-suppożizzjonijiet sottostanti għat-tfassil tal-istħarriġ għal kull pest. Ikteb fil-qosor u ġġustifika:

— il-popolazzjoni fil-mira, l-unità epidemjoloġika u l-unitajiet tal-ispezzjoni;

— il-metodu tad-detezzjoni u s-sensittività tal-metodu;

— il-fattur(i) tar-riskju, u indika l-livelli tar-riskju u r-riskji relattivi korrispondenti u l-proporzjonijiet tal-popolazzjoni tal-pjanti ospitanti.

Għall-kolonna 1: Indika l-isem taż-żona ġeografika, in-numru tat-tifqigħa jew kwalunkwe informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni ta' din iż-żona demarkata (ŻD) u d-data meta ġiet stabbilita.

Għall-kolonna 2: Indika d-daqs taż-ŻD qabel il-bidu tal-istħarriġ.

Għall-kolonna 3: Indika d-daqs taż-ŻD wara l-istħarriġ.

Għall-kolonna 4: Indika l-approċċ: Eradikazzjoni jew Trażżin. Jekk jogħġbok inkludi r-ringieli kollha li hemm bżonn, skont in-numru ta' ŻD għal kull pest u l-approċċi li dawn iż-żoni huma soġġetti għalihom.

Għall-kolonna 5: Indika ż-żona taż-ŻD fejn twettaq l-istħarriġ, u inkludi r-ringieli kollha li hemm bżonn: Żona infettata (ŻI) jew żona ta' lqugħ (ŻL), bl-użu ta' ringieli separati. Meta applikabbli, indika ż-żona taż-ŻI fejn twettaq l-istħarriġ (eż. l-aħħar 20 km ħdejn iż-ŻL, madwar il-mixtliet, eċċ.) f'ringieli differenti.

Għall-kolonna 6: Indika n-numru u d-deskrizzjoni tas-siti tal-istħarriġ, billi tagħżel waħda mill-entrati li ġejjin għad-deskrizzjoni:

1. Fil-beraħ (żona ta' produzzjoni): 1.1. għalqa (ikkultivata, mergħa); 1.2. ġnien bis-siġar tal-frott/vinja; 1.3. mixtla; 1.4. foresta;

2. Fil-beraħ (oħrajn): 2.1. ġonna privati; 2.2. siti pubbliċi; 2.3. żona ta' konservazzjoni; 2.4. pjanti selvaġġi f'żoni għajr żoni ta' konservazzjoni; 2.5. oħrajn, bi speċifikazzjoni tal-każ partikolari (eż. ħanut tal-pjanti, siti kummerċjali li jużaw materjal tal-imballaġġ magħmul mill-injam, industrija tal-injam, artijiet mistagħdra, network tat-tisqija u tad-drenaġġ, eċċ.);

3. Kundizzjonijiet magħluqa fiżikament: 3.1. serra; 3.2. sit privat, għajr serra; 3.3. sit pubbliku, għajr serra; 3.4. oħrajn, bi speċifikazzjoni tal-każ partikolari (eż. ħanut tal-pjanti, siti kummerċjali li jużaw materjal tal-imballaġġ magħmul mill-injam, industrija tal-injam).

Għall-kolonna 7: Indika x-xhur tas-sena meta twettqu l-istħarriġiet.

Għall-kolonna 8: Indika l-popolazzjoni fil-mira magħżula billi tipprovdi kif xieraq il-lista tal-ispeċijiet/ġeneri ospitanti u ż-żona koperta. Il-popolazzjoni fil-mira hija definita bħala l-grupp ta' unitajiet ta' spezzjoni. Id-daqs tagħha huwa definit tipikament għal żoni agrikoli bl-ettari, iżda jista' jkun lottijiet, għelieqi, serer, eċċ. Jekk jogħġbok iġġustifika l-għażla magħmula fis-suppożizzjonijiet sottostanti. Indika l-unitajiet ta' spezzjoni mistħarrġa. "Unità ta' spezzjoni" tfisser pjanti, partijiet ta' pjanti, komoditajiet, materjali, vetturi ta' pesti li ġew eżaminati bir-reqqa għall-identifikazzjoni u għad-detezzjoni tal-pesti.

Għall-kolonna 9: Indika l-unitajiet epidemjoloġiċi li ġew mistħarrġa, li jindikaw id-deskrizzjoni u l-unità tal-kejl tagħhom. "Unità epidemjoloġika" tfisser żona omoġenja fejn l-interazzjonijiet bejn il-pest, il-pjanti ospitanti u l-fatturi u l-kundizzjonijiet abijotiċi u bijotiċi jirriżultaw fl-istess epidemjoloġija, jekk il-pest ikun preżenti. L-unitajiet epidemjoloġiċi huma suddiviżjoni tal-popolazzjoni fil-mira li huma omoġenji f'termini tal-epidemjoloġija b'mill-inqas pjanta ospitanti waħda. F'xi każijiet il-popolazzjoni tal-pjanti ospitanti kollha f'reġjun/żona/pajjiż tista' tiġi definita bħala unità epidemjoloġika. Dawn jistgħu jkunu reġjuni tal-klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), żoni urbani, foresti, ġonna tal-ward jew irziezet, jew ettari. L-għażla tal-unitajiet epidemjoloġiċi trid tiġi ġġustifikata fis-suppożizzjonijiet sottostanti.

Għall-kolonna 10: Indika l-metodi użati matul l-istħarriġ inkluż in-numru ta' attivitajiet f'kull każ, skont ir-rekwiżiti legali speċifiċi ta' kull pest. Indika b'M/A meta l-informazzjoni ta' kolonna partikolarti ma tkunx disponibbli.

Għall-kolonna 11: Indika stima tal-effettività tal-kampjunar. L-effettività tal-kampjunar tfisser il-probabbiltà li jintgħażlu partijiet ta' pjanti infettati minn pjanta infettata. Għall-vetturi, hija l-effettività tal-metodu li jaqbad vettur pożittiv meta jkun preżenti fiż-żona tal-istħarriġ. Għall-ħamrija, hija l-effettività tal-għażla ta' kampjun tal-ħamrija li jkun fih il-pest meta l-pest ikun preżenti fiż-żona tal-istħarriġ.

Għall-kolonna 12: “Sensittività tal-metodu” tfisser il-probabbiltà ta’ metodu li jagħmel detezzjoni korretta tal-preżenza tal-pest. Is-sensittività tal-metodu hija definita bħala l-probabbiltà li ospitant verament pożittiv jittestja pożittiv. Hija l-multiplikazzjoni tal-effettività tal-kampjunar (jiġifieri l-probabbiltà li jintgħażlu partijiet infettati tal-pjanta minn pjanta infettata) bis-sensittività dijanjostika (karatterizzata mill-ispezzjoni viżwali u/jew mit-test tal-laboratorju użati fil-proċess ta’ identifikazzjoni).

Għall-kolonna 13: Ipprovdi l-fatturi ta’ riskju f’kolonni differenti, u uża kemm hemm bżonn ringieli. Għal kull fattur ta’ riskju indika l-livell ta’ riskju u r-riskju relattiv korrispondenti u l-proporzjon tal-popolazzjoni tal-pjanti ospitanti.

Għall-kolonna B: Indika d-dettalji tal-istħarriġ, skont ir-rekwiżiti legali speċifiċi għal kull pest. Indika b’M/A meta l-informazzjoni ta’ kolonna partikolari ma tkunx applikabbli. L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f’dawn il-kolonni hija relatata mal-informazzjoni inkluża fil-kolonna 10 “Metodi ta’ detezzjoni”.

Għall-kolonna 18: Indika n-numru ta’ siti tal-qbid f’każ li dan in-numru jkun differenti min-numru ta’ nases (il-kolonna 17) (eż. l-istess nassa tintuża f’postijiet differenti).

Għall-kolonna 21: Indika n-numru ta’ kampjuni li nstabu pożittivi, negattivi jew mhux determinati. “Mhux determinati” huma dawk il-kampjuni analizzati li għalihom ma nkiseb l-ebda riżultat minħabba fatturi differenti (eż. taħt il-livell ta’ detezzjoni, kampjun mhux ipproċessat-mhux identifikat, antik).

Għall-kolonna 22: Indika n-notifiki tat-tifqigħat tas-sena meta twettaq l-istħarriġ. In-numru tan-notifika tat-tifqigħat ma hemmx għalfejn jiġi inkluż meta l-awtorità kompetenti tkun iddeċidiet li s-sejba hija waħda mill-każijiet imsemmija fl-Artikolu 14(2), fl-Artikolu 15(2) jew fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2016/2031. F’dan il-każ, indika r-raġuni għaliex ma pprovdejtx din l-informazzjoni fil-kolonna 25 (“Kummenti”).

Għall-kolonna 23: Indika s-sensittività tal-istħarriġ, kif definit fl-Istandard Internazzjonali għall-Miżura Fitosanitarja (ISPM) 31. Dan il-valur tal-livell ta’ kunfidenza miksub tal-ħelsien mill-pesti huwa kkalkulat abbażi tal-eżamijiet (u/jew tal-kampjuni) imwettqa fid-dawl tas-sensittività tal-metodu u tal-prevalenza prevista.

Għall-kolonna 24: Indika l-prevalenza prevista bbażata fuq stima ta’ qabel l-istħarriġ tal-probabbiltà ta’ prevalenza attwali tal-pest fl-għalqa. Il-prevalenza prevista hija stabbilita bħala mira tal-istħarriġ u tikkorrispondi mal-kompromess li l-maniġers tar-riskju qed jagħmlu bejn ir-riskju li jkollhom il-pest u r-riżorsi disponibbli għall-istħarriġ. Tipikament, għal stħarriġ ta’ detezzjoni jiġi stabbilit valur ta’ 1 %.